MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 256/2004

**Thomas J. Psaila I.D. No. 96074(M) u**
**Lorraine Psaila I.D. No. 206877 (M)**

**Vs**

**Emanuel Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm1,035.39c (elf u hamsa u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi kawza tal-fatt illi l-vettura tal-marka Mercedes numru tar-registrazzjoni AAO 692 mixtrija minghand il-konvenut, gie skopert li kellha difett mohbi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm1,035.39c (elf u hamsa u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------